**21 ta' Frar, 1949**

**Imħallef:**

**L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija** *versus* **Katarin Farrugia** (*)

## Appell — Sentenza — Akkwijexxenza — Art. 386 (b) tal-Kodiċi Kriminali.

*Meta xi ħadd jidher għal ħadd ieħor quddiem il-Qorti fuq akkuża dwar kontravvenzjoni fil-każijiet kontemplati mill-liġi li jippermettu dik id-dehra ta' wieħed għal ieħor, il-liġi tirriferixxi għas-sempliċi komparizzjoni għall-finijiet tat-trattazzjoni tal-kawża, u mhux ukoll għall-eżekuzzjoni tas-sentenza. Il-persuna sostituta ma tistax, billi teżegwixxi s-sentenza, tippreġudika d-dritt ta' l-imputat kundannat li jappella mis-sentenza li kkundannatu.*

*Għaldaqstant, jekk l-imputat ma deherx fil-kawża għax kien rappreżentat minn ħadd ieħor, u mbagħad huwa jappella, il-fatt li r-rappreżentant tiegħu eżegwixxa s-sentenza ma jammontax għal akkwi-*

(*) Ara sentenza susegwenti, App. Krim. 28. 3. 49 (Publikata).

*jerrenza għall-istess sentenza, u ma jippreklu dieha mid-dritt li jappella minnha.*

Fuq l-imputazzjoni illi daħlet fl-għalqa ta' proprjetà ta' Salvu Cassar mingħajr il-kunsens tiegħu , u barra minn dan ħadet pussess mill-art u għamlet użu minnha, l-imsemmija Farrugia, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-30 ta' Diċembru 1948, ġiet misjuba ħatja u kundannata għall-ammenda ta' 5s.;

Fuq l-appell ta' l-imputata, dina l-Qorti kkunsidrat:

Fid-dibattitu quddiem dina l-Qorti ġie sollevat mill-Prosekuzzjoni l-punt illi s-sentenza hija inappellabili, għaliex kien hemm akkwijexxenza peress li fil-fatt l-ammenda tħallset;

Mhux kontrastat li dan il-ħlas sar, imma d-difiża tikkontrobatti illi quddiem l-Ewwel Qorti deher għall-imputata, martu, żewġha Gerolamo Farrugia (ara verbal fol. 2), u għalhekk il-fatt ta' żewġ l-imputata, bħala magħmul b'eċċess tal-mandat, ma jistax jippreġudikaha;

Id-difiża għamlet ir-riljevi kontenuti fin-nota tagħha tal-11 ta' Frar 1949, u l-Prosekuzzjoni b'nota oħra tal-14 ta' Frar 1949;

Il-liġi applikabili għall-każ hija dik ta' l-art. 386 (b) Kap. 12, li tgħid dan :— "Fil-każijiet ta' kontravvenzjoni l-Qorti tista', għal raġuni tajba, teħles lil kull waħda mill-partijiet milli tidher hija nnifisha, u tippermetti minflok li jidher ir-raġel jew il-mara jew qarib, mid-demm jew bi żwieġ, ta' dik il-parti, inkella persuna oħra li taħt il-ħsieb tagħha tkun dik il-parti, jew li tkun inkarikata minnha bil-miktub";

Il-kliem tal-liġi huma suffiċjenti biex juru illi dina d-dispożizzjoni tirriferixxi għal sempliċi komparizzjoni materjali għall-finijiet tat-trattazzjoni tal-kawża. Issa l-eżekuzzjoni tas-sentenza—appuntu għaliex hija ħaġa posterjuri għall-prolazzjoni tas-sentenza — teżorbita mit-trattazzjoni tal-kawża, li tiġi magħluqa bis-sentenza. Dan ifisser li dak li jidher minflok l-imputat għandu "locus standi" in bażi għal din id-dispożizzjoni sakemm tipperdura t-trattazzjoni, iżda mhux aktar 'il-hemm. L-ispirtu ta' dina d-dispożizzjoni hu dan : waħda, illi f'każijiet ta' kontravvenzjoni jiġi risparmjat lill-imputat l-inkonvenjent li jidher fil-Qorti meta hu jixtieq ma jagħmelx hekk minħabba li ma jiflaħx, jew għax jistħi, jew għal xi motiv ieħor

simili; u t-tieni, għaliex, salvi ċerti eċċezzjonijiet sporadiċi, fil-liġi tagħna mhux permess il-ġudizzju kontumaċjali. Però l-artikolu fuq ċitat sa hemm biss jasal, li ċjoè jippermetti li jidher ħadd ieħor (kif speċifikat) minflok l-imputat fit-trattazzjoni tal-kawża. Xejn aktar minn hekk;

Minn din id-dispożizzjoni ma jistax, għalhekk, jiġi argumentat favur il-persuna li tissostitwixxi l-imputat, id-dritt li b'fatt tagħha tirrinunzja għall-appell. Jekk għal ebda raġuni oħra, għal dik li l-fatt tas-sostitut, bħala argument ta' rinunċja, jibqa' dejjem ekwivoku, għaliex ikun hemm dejjem id-dubju jekk l-imputat riedx jirrinunzja jew le, u ma hemm xejn fil-liġi li jista' jiġġustifika li jiġi ritenut illi l-imputat ried anki jagħti taċitament lis-sostitut dak l-inkariku li jirrinunzja;

Fin-nota tiegħu, l-Attorney General osserva li t-teżi tad-difiża ġġib għall-impunità ta' l-imputat f'każijiet simili. Dan ma hux eżatt;

Jekk il-piena tkun riprensjoni u ammonizzjoni, allura ma jistax ikun hemm kwistjoni dwar rinunzja (ara "Pul. vs. Ciantar", 8 ta' Ottubru 1921, u "Pul. vs. Muscat", 27 ta' Ottubru 1945—App. Krim.). Jekk tkun dik ta' l-ammenda u ma titħallasx, allura bil-fors irid joħroġ il-warrant kontra l-imputat, għax hu biss jista' jespija l-piena konvertita, jekk ikun hemm lok għal konversjoni. Jekk tkun mill-ewwel il-piena tad-detenzjoni, hu ċar li din għandha tiġi eżegwita kontra l-imputat, għaliex is-sostitut ma jistax jespija piena għal ħadd ieħor. Għalhekk jista' ikun li f'każijiet simili ma jkunx hemm eżekuzzjoni immedjata, imma mhux impunità;

F'dan il-każ ma ġiex pruvat li l-imputata tat lil żewġha espressament il-fakoltà li jirrinunzja għal-appell bil-ħlas tal-piena;

L-eċċezzjoni tal-Prosekuzzjoni hi għalhekk rejetta u l-kawża għandha titkompla. Tibqa' għalhekk differita għat-trattazzjoni u kontinwazzjoni tagħha għas-7 ta' Marzu 1949.